MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 3/2004

**Edward Smith ezercitanti l-kummerc f'isem id-ditta "Firm E.J Smith Wholesale"**

**vs**

**Emanuel Balzan**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"L-ammont ta' sitt mija u ghaxar Liri Maltin (Lm610) mitlub mill-attur jirraprezenta l-import ta' kambjali mahruga mill-konvenut favur l-attur liema kambjali ma gewx onorati mill-konvenut, liema kambjali huma annessi u mmarkati bhala Dok A.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri legali datata 5 ta' Frar 2003, 19 ta' April 2003 u 11 ta' Novembru 2003 u interessi legali mid-data tal-kambjali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni."

Ra li l-konvenut ghalkemm debitament notifikat ma deher ghal ebda seduta mizmuma wara li gie notifikat  u ma ressaqx provi.

Ra l-konferma bil-gurament ta' Dr Michael Grech ghan-nom tal-attur tal-kontenut tal-avviz tat-talba  .

U billi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata;

Jaqta'u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attur billi jikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' LM610 import ta' kambjali bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri legali tal-05.02.2003, tad-19.04.2003 u tal-11.11.2003 bl-imghax legali mid-data tal-kambjali sad-data tal-effettiv pagament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------